**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 30 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 241/02AE**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Camilleri sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Camilleri**

**Vs**

**Cajetan Borg.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u

sebghin centezmu (Lm228.75), danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Ottubru 2000 gewwa Triq San Gorg, Birzebbugia bejn vettura numru ta' registrazzjoni GBS 125 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru EBF 108 misjuqa minn Nadia Maria Camilleri u propjeta tal-assikurat Joseph Camilleri, liema incident sehh minhabba negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta t-talba ta' l-atturi.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fl-20 ta' Ottubru 2000 sehh incident tat-traffiku fi Triq San Gorg, Birzebbugia bejn vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni GBS 125 misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-marka Peugeot 106 bin-numru EBF 108 misjuqa minn Nadia Maria Camilleri.

2. Wara li qies il-provi li tressqu mill-partijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan huwa kaz ta' vettura (dik tal-konvenut) li

pprovat taghmel manuvra ta' sorpass fuq vettura ohra (dik misjuqa minn Nadia Maria Camilleri) min-naha ta' gewwa. It-Tribunal kellu l-opportunita li jaccedi fuq il-post u jikkunsidra l-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident.

3. Hija regola mportanti li min ikun qieghed isuq karrozza m'ghandux jaghmel il-manuvra ta' sorpass minghajr ma jkun zgur li huwa *safe* li tista' ssir dik il-manuvra. Fejn din il-manuvra ssir barra minn zmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju zejjed, dik il-manuvra hija hazina. Mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet wara dik misjuqa minn Nadia Maria Camilleri. Il-gurisprudenza kostantement issottolinejat li l-manuvra ta' sorpass hija delikata u tali li tixhet fuq id-driver tal-vettura li jkun ser jaghmel din il-manuvra obbligi aktar gravi (ara **William Buhagiar vs Nazzareno Borg** [Vol. XLIII.i.243] u **Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et** [Vol. XLV.i.253]). Dan ma jfissirx li s-sorpass huwa projbit, pero ghandu jsir bil-prudenza mehtiega. L-awtur Charlesworth (*The Law of Negligence*, pagna 78, Tieni Edizzjoni) jghid: *"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see if it is safe to do so… a driver should not overtake at a corner or bend… or a crossroad. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic"*. Principji li gew applikati kemm meta s-sorpass

ikun ta’ vettura miexja, kif ukoll meta jirrigward sorpass ta’ vettura wieqfa.

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma kellux pacenzja jistenna lill-vettura misjuqa minn Nadia Maria Camilleri tidhol f’Sacred Heart Promenade, Birzebbugia. Zgur li ma kienx opportun li ssir manuvra simili f’liwja bhal dik fejn sehh l-incident in kwistjoni. Iktar u iktar meta l-ispazju kien ristrett mehud in konsiderazzjoni li fuq in-naha taix-xellug tal-konvenut kien hemm vettura pparkjata (ara skizz). Min-naha l-ohra t-Tribunal m’huwiex konvint mill-verzjoni moghtija mill-konvenut, fis-sens li l-vettura ta’ quddiem kienet ser tidhol ghal gewwa Triq Zaren Dalli. Dan gie kategorikament michud mis-sewwieq tal-vettura l-ohra u m’hemmx prova ta’ dan.

5. Dwar id-danni reklamati, ma saret l-ebda kontestazzjoni min-naha tal-konvenut u gew sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm228.75), u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**